**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.d.**

**Appell Nru: 1434/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Alexander Chetcuti**

**Illum 23 ta' Ottubru 2024**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, **Alexander Chetcuti** detenur tal-karta tal-identita Maltija **473061M**, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

- B'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u jkunu ġew magħmula b'rizoluzzjoni wahda ghax-xhur ta' Novembru 2022 sa Lulju 2023, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jagħti lil Elaine Allen u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi żmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti  tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar il-15 ta' Luljun 2024, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjoni hekk kif dedotta fil-konfront tieghu u illiberatu bil-kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor fi zmien sena minn dakinhar tas-sentenza b'dan li ghandu jhalls l-ammont bilancjali dovut minnu u cioe is-somma ta' €1,825 fi zmien sitt xhur mid-data tas-sentenza u dan inter alia ai terminu tal-artikolu 22 u l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta nonche l-artikolu 15A tal-Kodici Kriminali.

Rat li l-ewwel Qorti spejgat bi kliem car li jekk l-hati jikkommetti reat iehor matul il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata huma jkun jista' jinghata sentenza ghar-reat originali.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Alfred Tanti, preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-30 ta' Lulju 2024,  fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi iz-zmien prefiss sabiex ihallas l-ammont dovut u alternattivament timponi piena u zmien inqas harxa u iktar idoneja u li tirrispekja il-kaz in esami ai trmini tal-rtikolu 24 (2) tal-Kapitolu 446 u 15A (2) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta

**<u>Ili l-aggravji huma ċari u manifesti;</u>**

Illli l-appellant huwa konapevoli illi l-ordni u ammont ta €1,825 irid ihallashom izda l-ewwel onorabbli Qorti tatu zmien wisq qasir sabeix jirnexxilu ihallashom fi zmien sitt xhur.

Ili tenut kont l-introjtu tieghu cioe €1,200 fix-xahar l-appellant ma jsitax ihallas din is-soma fi zmien sitt xhur izda jehtieglu iktar zmien.

Illi l-istess provediment tal-artikolu 24 (2) tal-Kap 446 tal-ligijiet ta' Malta u l-artikolu 15A (2) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta jipprovdu illi qorti tista timponi pagamenti in instalments u appuntu dan li jehtieglu l-appellant

.

Semghet lill-partijiet jghamlu is-sottomissjonijeit taghhom u dan fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 2024.

**Ikkunsidrat.**

Illi din il-Qorti tfakkar lill-appellant li hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel Zammit** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:-

> *kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din ilQorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul millewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni*

---

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed; Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa ġie mistqarr li :

Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

*flapprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghallkonkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.*

Illi din il-qorti ghalhekk esamiant bir-reqq l-provi imresqa quddiemha.

Rat l-affidavit ta' **PC 987 D Sultana** fejn stqarr li nhar l-4 ta' Jannar 2023 Elaine Allen irraportat l-ghassa fejn stqarret li l-*ex partner* taghha Alexander Chetcuti naqas milli itiha l-manteniment dovut ghax-xhur Novembru u Dicembru 2022. Il-kwerelanti pprovdiet digriet tal-31 ta' Jannar 2017 mahrug mill-Qorti tal-Familja li jghid li l-imputat hu ordnat ihallas l-ammont ta' €200 kull erba' gimghat bhal manteniment ghat-tifel minuri Matthias Chetcuti u ghalhekk l-ammont totali li naqas jghatiha kien ta' €400 u dan ghal gimghat bejn l-1 ta' Novembru 2022 u id-29 ta' Novembru 2022 u mid-29 ta' Dicembru 2022 sas-27 ta' Dicembru 2022.

Nhar id-9 ta Jannar 2023 ghall-habta ta' 18.40 l-imputat mar l-ghassa kif mitluba u gie mgharaf bir-rapport li kien sar fil-konfront tieghu u inghata s-solita twissjia u dritt tal-avukat liema dritt irrifjuta u ffirma d-dikajrazzjoni apposite.

Stqarr lil-manteniment ta' Novembru kien gja halsu permezz ta' standing order u baqa' ghaddej ghax kien hallas zejjed f'Ottubru 2022 jigifieri ta' Novembru 2022 kienet thallset kollox. Ammetta pero li kien ghad fadallu jhallasha ta' Dicembru 2022 fejn ghamel *standing order* u ghalhekk ghandhom jidhlu ghandha daqt.

Fit-13 ta' Jannar 2023 il-kwerelanti uriet lill-pulizija kull transazzjoni li rceviet minghand l-imputat minn Novembru 2022 u l-unika transazzjoni li dehret kienet ta' €50 nhar l-1 ta' Novembru 2022.

Rat l-affidavit ta' PC 798 Manuel Rotin fejn kkonferma li nhar id-19 ta' April 2023 meta kien stazzjonat l-ghassa tal-pulizija ta' San Giljan kienet marret Elaine Allen tirraporta

li l-ex partner taghha ma kien hallas il-manteniment tas-27 ta' Dicembru 2022, 14 ta' Frar 2023 u 14 ta' Marzu 2023.

Hija pprezentat kopja ta-digriet mahrug fil-konfront tal-imputat fejn kien obbligat ihallasha is-somma ta' mitjen euro fis-27 ta' Dicembru 2022 u l-ammont ta' €225 ghal kull erbgha gimghat inkluz d-dati tal-14 ta' Frar 2023 u l-14 ta' Marzu 2023. Huwa ghalhekk ha r-rapport relattiv. Qaltlu ukoll li fi Frar 2023 l-imputat kien hallasha is-somma ta' mitt euro.

Fit-23 ta' April 2023 baghat ghall-imputat sabiex jghati l-verzjoni tieghu u mistoqsi ghaliex ma kienx obda l-ordnijiet li kien gie moghti dwar hlas ta' mantiment kien qal li ma kellux minfejn u meta kellu dejjem hallas tant li anke meta gab il-mitt euro li kellu tahomlha.

Rat l-affidavit ta **PS 1436 A Camilleri** fejn kkonerma li nhar it-28 ta' Lulju 2023 kien qieghed l-ghassa ta' San Giljan fejn gie infurmat li Elaine Allen kienet irraportat li l-ex partner taghha l-imputat naqas li ihallasha l-manteniment ta-xhur 18 ta' April 2023, 18 ta' Mejju 2023, 13 ta' Gunju 2023 u 11 ta Lulju 2023 fejn skon id-digriet tal-qorti huwa kellu jhallasha is-somma ta €275 kull erba' gimghat.

Rat l-okkorenza esebita fl-atti medhuda minn PC 987 Daniel Joseph Sultana.

Rat dak li gie verbalizzat fis-seduta tal-15 ta' Jannar 2024 fejn il-parte civile assistita minn Dr Ludwig Caruana ddikjara li sar pagament parzjali ta' tlett mija u hamsin euro u ghalhekk l-ammont pendenti kien ta' €2,332. Sar pagament iehor fl-awla fl-ammont ta' tlett mitt euro u ghalhekk il-bilanc restanti kien ta' €2,032.

Rat x-xhieda tal-kwerlanti **Elaine Micallef** u spejegat li minn Novembru 2022 sa Lulju 2023 kull ma hadet manteniment kien l-ammont ta' €350 u €300 seduta stante dakinhar li xehdet. Hija pprezentat s-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal Qorti Civili (sede Familja) datata 22 ta' Novembru 2022 fl-ismijiet **<u>Elaine Micallef pro et noe vs</u>**

**Alexander Chetcuti** li giet mmarkata bhala Dok EA1 fejn il-Qorti ordnat li l-imputat ghandu ihallas l-ammont ta' €23000.

Rat ix-xhieda moghtija mill-imputat Alexander Chetcuti illum appellant. Mistoqsi ghaliex ma kienx qed ihallas il-manteniment jghid li dejjem kienet ix-xewqa tieghu li jhallas il-manteniment. Spjega pero li kien xtara karozza bil-Y-plate biex jaqla' l-flus izda gie l-COVID u mar lura flok il-quddiem Qal li beda johrog il-flus flok ma jdahhal tant li anke kellu erba'; incidenti bil-karozza u kellu jhallas l-ispejjez involuti. Qal li anke spicca l-isptar u ma setax isuq. Kellu jitlaq minn hemm u sab xoghol iehor. Ghamel tlett xhur. Qal li apparti l-incidenti li kellu ghandu zewgt itfal ohra li jrid imantni apparti li irid jhallas il-kera ta' €800 fix-xahar tal-post fejn jghix. Qal li ma jistax ikun ihallas kollox. Jghid li lanqas kont il-bank ma ghandu ghaliex ghamlulu Mandat ta' Sekwestru. Fil-prezent jghid li ghandu paga ta' €300 fil-gimgha.

**Ikkunsidrat,**

Illi ma hemmx dubju li l-imputat illum appellant naqas milli jaghmel il-pagamenti dovuti minnu skond is-sentenza tal-Qorti bhala manteniment ghal-minuri Matthias. Del resto huwa stess jikkonferma li ma jistax ihallas ghaliex ghandu djun ohra u jinsab f'diffikolta finanzjajra. Spjega li ghamel xi zmien bla xoghol, li kellu xi incidenti stradali u jrid ihallas l-ispejjez taghhom u li jrid ihallas il-kera u jhallas manteniment ta' zewgt itfal ohra.

Il-Qorti, izda, tfakkar fil-monitu wisq drabi ritenut, illi kull kaz ghandu jkun ezaminat u deciz fuq il-fatti speci tieghu. Tfakkar ukoll illi s-sentenzi tal-Qrati ghandhom l-ghan illi jkunu ta' fonti ta' perswazzjoni ghall-argument mressaq u ma joholqu l-ebda precedent. Huwa mportanti li dan jinzamm fil-mira meta tkun diskussa s-sistema guridika taghna a differenza ta' gurisdizzjonijiet ohra;

Kif tajjeb osservat minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-21 ta' Novembru, 2005 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Karl Bonello**:

*"Illi umbaghad apparti li din il-Qorti ma rrizultaliex li l-appellant kien fl-impossibilita' fizika li jwettaq l-obbligi tieghu skond id-Digriet tas-Sekond'Awla fil-perjodu in kwistjoni, kif isostni*

*ANTOLISEI fil-"Manuale di diritto Penali" {Parte Generale, Giuffre' (Milano) 1989, p.376.}, l-opinjoni prevalenti bejn l-awturi Taljani li l-eccezzjoni jew difiza tal-impossibilita' ma tistax tigi ammessa bhala kawza generali li telimina l-kolpevolezza. (App. Krim.* ***Pul. Vs. Kang Se*** *ll [ 28.7.94] per V. De Gaetano J)"*

Issir referenza ukoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alfred Camilleri'** [2] meta ccitat b'approvazzjoni sentenza ohra tal-istess Qorti diversament preseduta (Appell Kriminali **Pulizija vs. Anthony Saliba** [3] spjegat bic-car:

> *".. il-fatt li persuna tisfa bla xoghol ma jiskuzahiex mill-obbligu taghha li twettaq id-Digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili, obbligu sancit bir-reat ta' natura kontravenzjonali li tahtu hu akkuzat l-appellatn. Ir-rimedju li ghandu u li kellu l-appellant kien li jadixxi tempestivament u fi zmien utli lill-Qorti Civili kompetenti biex din, wara li tiehu konjizzjoni tal-provi,. Tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment. U biss wara li jottjeni tali modifika, li jkun jista' jhallas inqas jekk ikun il-kaz. Sakemm dan isisr, jibqa' marbut bl-obbligu tal-hlas skont l-ewwel Digriet. Fi kliem iehor, sakemm ikun ghadu vigenti id-digriet tas-Sekond' Awla jew digriet jew sentenza tal-Prim' Awla jew tal-Qorti tal-Appell, li jordna l-hlas ta' manteniment, din il-Qorti ma tistax hlief issib u tikkonferma l-htija, fejn l-appellant ikun naqas li jottempra ruhu ma tali digriet jew sentenza, tkun xi tkun ir-raguni, jew pretest biex jaghmel dan. Altrimenti, din il-Qorti minflok Qorti tal-Appell Kriminali tispicca tirriduci ruha f'wahda ta' revizjoni dwar l-effikacja u r-ragonevolezza ta' digriet jew sentenzi tal-Prim' Awla u tal-Qorti tal-Appell u Digrieti tas-Sekond' Awla, mansjoni li zgur ma taqax taht il-kompetenza taghha'.*

Izda fid-decizjoni moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-Imhallef J. Galea Debono fis-seduta tas-27 ta' Lulju, 2006 fl-Appell Kriminali nru.

[2] Deicz 18 ta Settembru, 202
[3] Deciz fil-5 ta' Lulju 1998

84/2006 **Il-Pulizija vs Joseph Micallef** saret referenza b'approvazzjoni ghall-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs Publius Said**[4]",

> *"... l-ghan ewlieni tal-legislatur meta ntroduca din il-kontravenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom biex effettivament ihallsu w mhux biss li jippunixxi ghall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li, kif intqal, ghandhom dejjem jigu obduti w osservati skrupolozament. F'dan il-kaz dan il-ghan ghan issa ntlahaq bil-hlas fuq imsemmi".*

Illi ghalhekk fid-dawl tas-suespost u ghall-insejamenti msemmija l-imputat una volta ghandu l-obbligu li jhallas manteniment lil minuri Matthias messu onora l-ordni tal-Qorti u mhux gustifikat li jaqa' lura fil-pagamenti.

L-ewwel Qorti gja kienet hanina mieghu meta ma kkundannatux ghal piena ta' detenzjoni meta sabet lill-imputat hati tal-akkuza izda lliberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal perjodu limitat. Ghalhekk jista' jinghad li lanqas piena ma nghata.

Dwar it-talba pero li jinghata zmien sabiex ihallas dak minnu dovut din il-Qorti ma tara l-ebda gustifikazzjoni f'tali talba molto piu meta tqis li dawn il-flejjes huma dovuti bhala manentiment dovut lil minuri u ilhom dovuti ghal zmien konsiderevoli u ghalhekk iz-zmien moghti mill-ewwel Qorti ta' sitt xhur huwa wiehed gja eccessiv fic-cirkostanzi konsiderando li l-imputat kien gja instab hati ta' kontravenzjoni simili fil-passat. Mhux talli hekk izda bl-intavolar ta' dan l-appell l-imputat appellant rebah tlett xhur ohra sabiex jaghmel il-hlas relattiv u dan ghaliex it-terminu moghti mill-ewwel Qorti ta' sitt xhur ser jibda jiddekorri mil-llum.

Ghalhekk din il-Qorti qeda tikkonferma is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fl-intier taghha u qeda ukoll izzomm l-ordni sabiex l-imputat appellant ihallas is-somma

[4] Deciz 25 ta Settembru 2003

ta' €1,825 lil Elaine Micallef fi zmien sitt xhur mil-llum ai termini tal-artikolu 15A tal-Kodici Kriminali u l-artikolu 22 u 24 tal-kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Dr Consuelo Scerri Herrera**

**Onor Imhallef**

**Maria Grech**

**Deputat Registratur**